DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/494

tal-25 ta' Marzu 2022

li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda li tixtieq taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2021/693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 ([1]),

Billi:

(1) Permezz ta' ittra tat-22 ta' Novembru 2021, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2021/693.

(2) Ma hemm l-ebda kundizzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/693.

(3) F'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 331(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/693 tiġi kkonfermata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/693 hija kkonfermata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 156, 5.5.2021, p. 21.